Verżjoni Elettronika

A.L. 70 tal-2023

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-INCOME (KAP. 123)

Regoli tal-2023 dwar Kreditu ta' Taxxa (Spejjeż ta' Terapija provduta lil Tfal b'Diżabilità)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 14(2) u 96(3) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2023 dwar Kreditu ta' Taxxa (Spejjeż ta' Terapija provduta lil Tfal b'Diżabilità).

Tifsir.

2. F'dawn ir-regoli, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"awtorità kompetenti" tfisser il-Kummissarju għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità maħtur skont l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità; Kap. 413.

"persuna b'diżabilità" tfisser individwu li jkollu diżabilità, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, u li jkun detentur ta' EU Disability Card maħruġa mill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità mwaqqfa bl-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità; Kap. 627. Kap. 413.

"spejjeż kwalifikanti" tfisser drittijiet professjonali ippruvati għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li jkunu tħallsu minn persuna għall-għoti ta' terapija approvata lill-wild ta' dik il-persuna;

"terapija approvata" tfisser terapija rikonoxxuta mill-awtorità kompetenti bħala terapija meħtieġa minn persuna b'diżabilità minħabba indeboliment;

"wild" tfisser wild minuri li, fl-1 ta' Jannar tas-sena li tiġi minnufih qabel is-sena ta' stima, ma jkunx għalaq jew ma tkunx għalqet l-età ta' sittax (16)-il sena.

Kreditu ta' taxxa.

3. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regoli, għandu jingħata kreditu ta' taxxa lil kull persuna li fis-sena li tiġi minnufih qabel is-sena ta' stima li tibda fl-1 ta' Jannar 2024 jew sussegwenti ħallsu spejjeż kwalifikanti.

Verżjoni Elettronika

(2) Il-kreditu ta' taxxa li jingħata skont dawn ir-regoli għandu jkun fl-ammont ta' mitejn euro (€200) għal kull wild li fir-rigward tiegħu tħallsu spejjeż kwalifikanti, jew l-ammont tal-ispejjeż kwalifikanti li jkunu attwalment tħallsu, liema minnhom ikun l-inqas.

(3) Il-kreditu ta' taxxa msemmi f'dawn ir-regoli għandu jingħata biss dwar spejjeż li jiġu rrapportati lill-Kummissarju tat-Taxxi skont ir-regola 4.

Prospett mill-awtorità kompetenti.

4. (1) Kwalunkwe persuna li tħallas spejjeż kwalifikanti u li trid issir eliġibbli għall-kreditu ta' taxxa msemmi skont dawn ir-regoli għandha tirrapporta l-imsemmija spejjeż lill-awtorità kompetenti sa mhux aktar tard mill-15 ta' Jannar tas-sena li tiġi sussegwenti għal dik li fiha jkunu tħallsu l-ispejjeż. Ir-rapport għandu jinkludi dik l-informazzjoni u għandu jkun sostnut b'dik l-evidenza li l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tagħti lill-Kummissarju tat-Taxxa prospett tal-ispejjeż kwalifikanti li jkunu ġew irrapportati lilha kull sena, li jkun jindika l-ismijiet u n-numri ta' identifikazzjoni tal-persuni li jkunu ħallsu l-ispejjeż u tat-tfal li fir-rigward tagħhom ikunu tħallsu l-istess spejjeż, l-ispejjeż li jkunu tħallsu fir-rigward ta' kull wild u dawk id-dettalji oħra li l-Kummissarju tat-Taxxi jista' jeħtieġ. Il-prospett għandu jiġi mibgħut sa mhux aktar tard mill-15 ta' Marzu tas-sena ta' stima relattiva.